



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2013
COM(2013) 320 final

2013/0167 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza
finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Sabiex jissaħħaħ il-profil tas-sostenibbiltà tal-programm ekonomiku għall-Irlanda u jitħaffu l-bżonnijiet ta' likwidità tal-Gvern Irlandiż fis-snin ta' wara l-programm, u b'konformità mal-Istqarrija tal-Ministri tal-Eurogroup u l-Ecofin tat-12 ta' April 2013, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda għandha tiġi emendata. Dawn l-emendi jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-estensjoni tal-maturità medja tal-faċilità kollha minn "sa 12,5-il sena" għal "sa 19,5-il sena" billi jiġu estiżi l-maturitajiet tal-izborsi individwali.

Fuq talba tal-Irlanda u jekk il-kundizzjonijiet tas-suq jippermettu, il-Kummissjoni tista' tiffinanzja mill-ġdid is-self inizjali kollu jew parti minnu sabiex testendi l-maturità ta' ħlas parzjali jew individwali, sakemm il-maturità medja massima ta' 19,5 sena tkun rispettata. Kull ammont misluf mill-Kummissjoni bil-quddiem jinżamm f'kont mal-BĊE li l-Kummissjoni fetħet għall-amministrazzjoni tal-assistenza finanzjarja. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-maturità ta' meta jsiru l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tiegħu ħsieb il-ġestjoni xierqa tal-marġni skont il-limitu massimu tar-Riżorsi Propriji tal-UE, inkluż il-profil tal-fidi tal-bonds tal-UE. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament huma mistennija li jseħħu mill-2015 u l-ispejjeż kollha mġarrba mill-UE fil-konklużjoni u t-twettiq ta' kull operazzjoni se jinġarrbu mill-Irlanda.

Ta' min jinnota li din id-deċiżjoni se ssaħħaħ is-sostenibbiltà u ttejjeb il-prospetti ta' likwidità tal-programm. Dan se jwassal għal kundizzjonijiet aħjar għas-self għall-istat li jkun qed jissellef, kif ukoll għal effetti sekondarji fis-settur privat. Dawn l-effetti huma ta' benefiċċju kemm għall-pajjiżi kredituri kif ukoll għall-pajjiżi debituri u għalhekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà taż-żona tal-euro.

Fid-dawl tal-ispejjeżijiet mogħtija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li t-tibdil li jikkonsisti fl-estensjoni tal-maturità medja tas-self tal-EFSM lill-Irlanda, huwa ta' benefiċċju sabiex jiġu żgurati l-għanijiet tal-programm.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fuq talba tal-Irlanda, il-Kunsill ta' assistenza finanzjarja lill-Irlanda (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE²) b'appoġġ għal programm b'saħħtu ta' riforma ekonomika u finanzjarja bil-għan li tinkiseb il-fiduċja mill-ġdid biex b'hekk l-ekonomija tkun tista' terġa' lura għal sitwazzjoni ta' tkabbir sostenibbli, u bl-għan li titħares l-istabbiltà finanzjarja fl-Irlanda, fiż-żona tal-euro u fl-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni temmet id-disa' reviżjoni tal-programm ta' riforma ekonomika Irlandiża fit-22 ta' April 2013.
- (3) Estensjoni tal-maturità medja massima tas-self tal-UE tkun ta' benefiċċju minħabba li din tkun tappoġġa l-isforzi tal-Irlanda biex tikseb aċċess għas-suq sħiħ u toħroġ b'suċċess mill-programm tagħha. Sabiex jittieħed benefiċċju sħiħ mill-estensjoni tal-maturità medja massima tas-self tal-UE, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata testendi l-maturità ta' ħlasijiet parzjali u individwali.
- (4) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE għandha tiġi emendata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE jiġi emendat kif ġej:

¹ ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

² ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34.

(1) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Irlanda self ta' ammont massimu ta' EUR 22,5 biljun, b'maturità medja massima ta' 19,5-il sena. Kull wieħed mill-ħlasijiet individwali tal-faċilità ta' self jista' jkollu maturità ta' sa 30 sena."

(2) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Fuq talba tal-Irlanda, il-Kummissjoni tista' ttawwal il-maturità ta' ħlasijiet parzjali u individwali, sakemm il-maturità medja massima kif stabbilita fil-paragrafu 1 tkun rispettata. Il-Kummissjoni tista' tirrifinanzja s-self kollu tagħha jew parti minnu għal dik il-fini. Kull ammont misluf mill-Kummissjoni bil-quddiem jinżamm f'kont mal-BĊE li l-Kummissjoni fetħet għall-amministrazzjoni tal-assistenza finanzjarja."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President